# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## Laqgħa Nru. *19/07/2016*

Data: It-Tlieta 30 ta' Awwissu 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti:
*Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Daniel Cordina – Deputat Sindku*
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati: *Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 18/07/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 18/07/2016;
4. Minuti tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn Laqgħa bin-nru. 18/2016;
5. Korrispondenza;
6. Ilmenti u Suġġerimenti;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur Jannar – Marzu 2016;
9. Festa Santa Marija 2016;
10. Affarijiet Oħra;
11. Aġġornament.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

1.1 Intqalet talba mis-Sindku offruta għall-vittmi tat-terremot ta' Ruma u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 18/07/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 18/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU 18/07/2016

3.1 Il-Kunsillier C Saliba rrefera għall-pġ. 2 para. 1.3 u qal, hu mhux dejjem jaqbel ma' li tagħmel is-Segretarja Eżekuttiva pero` dan ma jfissirx li m' għandux fiduċja fis-Segretarja Eżekuttiva u dan qed jgħidu peress li f' dak il-ħin tas-seduta, is-Sindku biss tkellem.

3.2 Il-Kunsillier C Saliba rrefera għall-pġ. para. 3.3 u qal li l-*working session* mal-Kav. JM Attard kienet saret. Il-Kunsill qabel mad-dokument preparat mis-Sur Attard u ddeċieda li jagħmel sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet.

3.3 Para. 3.4, il-Kunsillier Saliba qal li dawn kien għadhom ma nqatgħux. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tagħti *reminder* lill-ħaddiema tal-Kunsill.

3.4 Il-Kunsillier Saliba staqsa jekk il-*bollards* għall-Pjazza l-Assunta ġewx ordnati.
Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni li talbet lil Anton Zarb għal provvista ta' *bollards*. Intqal li *cast iron bollards* jistgħu jkunu perikoluża għax bir-riħ faċilment jinqalbu. Is-

Sindku qal sa seduta oħra, ser jagħmel mezz iġib *sample* ta' *bollard* tal-plastik.

3.5 Dwar is-sinjal juri l-uffiċini tal-Kunsill, ġie deċiż li tintalab kwotazzjoni lil A Zarb għal dan is-sinjal.

3.6 Il-Kunsillier Saliba feraħ lill-Kunsill għall-inizzjattiva li ttajjret bandiera bajda u blu mal-arblu tal-Kunsill.

3.7 Il-Kunsillier Saliba talab biex jerġa' jintbagħat *reminder* dwar il-periklu fil-bidu ta' Triq il-Knisja.

3.8 Dwar 6.7 (ii), il-Viċi Sindku staqsa fhiex waslet il-bankina ta' Triq Għajn Mhelhel approvata mill-Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet tat ordni biex din il-bankina ssir.
Gie deċiż li l-Perit jintalab joħroġ rendikont ta' x' bankini hemm lesti u bankini li għad iridu jsiru.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 18/2016

4.1 Dwar para. 5.4, il-Viċi Sindku talab biex tintbagħat *reminder* lill-Awtorita` tal-Ippjanar.

4.2 Dwar il-*pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar, il-Viċi Sindku qal xtaq jiċċara punt dwar din il-proposta tiegħu u qal, hu ma talabha quddiem ta' ħadd partikulari, sempliċement fi Triq il-Qbajjar. Qal meta ressaq il-proposta, hu ma kienx jaf il-lokazzjoni fejn kienet ġiet approvata minn Transport Malta.
Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex għas-seduta li jmiss ittellgħa l-pjanta kif ġiet approvata minn Transport Malta.

4.3 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 18/2016 tat-Tlieta 12 ta' Lulju 2016 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill:

5.1 Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari Nru. 8/2016 – Inizjattiva finanzjarja favur il-komunita` - Libreriji Lokali / Reġjonali. Il-Kunsill ser jingħata mill-iskema l-ammont ta' €600 għax-xiri ta' kotba

u l-Kunsill irid joħroġ ammont ekwivalenti. Il-Kunsill approva x-xiri bi €1,200 f' kotba.

5.2 Ċirkulari nru. 11/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizzjattiva finanzjarja espressjoni ta' interess għall-impjieg ta' persuni b' diżabilita`. Il-Kunsill qabel li juri l-interess tiegħu fl-iskema u japplika għal persuna biex tagħmel xogħol klerikali fil-*front office*.

5.3 Ċirkulari nru. 16/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li jinnomina mill-*pool* lis-Sinj. Josianne Cassar għall-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

5.4 Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Każ nru. 421/16 Abbużi – *Direct Order*. Il-Viċi Sindku qal ix-xogħol ingħata lil Peter Paul Said u mhux lil Said Construction. Qal li x-xogħol kien approvat mill-Kunsill b' vot unanimu.
Il-Kunsillier C Saliba qal bintu hija miżżewwġa għand ta' Said lil ħu Peter Paul Said pero` s-Sur Peter Paul Said ma jiġi xejn minnu.
Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tirrispondi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f' dan is-sens.

5.5 Komunikat mid-Direttur tal-Malta Cultural Institute dwar kunċert minn Kor minn Wales f' Mejju 2017. Is-Sindku qal għandhom jibgħatu bil-miktub xi spejjeż ikun hemm.

5.6 Ittra mill-Kumpanija WasteServ bis-suġġett European Week for Waste Reduction.

| 5.7 **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| 5.7.1 Gozo Jeep Tours<br>Għal attivita` soċjali nhar is-17 ta' Settembru 2016 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata.<br>** |

**Il-Kunsillier C Cassar qal importanti li fil-permess jitniżżlu kundizzjonijiet biex jitħalla aċċess biex jgħumu n-nies u l-Pulizija ma jkeċċux nies minn fuq il-bajja. Il-Kunsill qabel.

| | |
|---|---|
| 5.7.2 Royal Malta Yacht Club<br>Għal attivita` soċjali nhar it-3 ta' Settembru 2016 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |

| | | |
|---|---|---|
| 5.7.3 | Ivan Gasparek<br>Għal ċerimonja ta' żwieġ nhar l-24 ta' Settembru 2016 fl-inħawi tas-salini tax-Xwejni | Approvata. |
| 5.7.4 | Redeemera Farrugia<br>Għal *filming* nhar il-31 ta' Awwissu 2016 fi Triq Mons De Piro. | Approvata. |

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

6.1 Ilment 34/2016 – is-Sur J Cefai
Biex jitwaħħal sinjal ta' direzzjoni juri 'Victoria' fi Triq il-Mitħna. Talba approvata, jitwaħħal mal-arblu tar-*road hump*.

6.2 Ilment 35/2016 – is-Sur J Camilleri
Biex jinżebgħu marki ta' mal-art 'Stop' fi Triq l-Għażżiela kantuniera ma' Triq Għajn Mhelhel. Approvata – ix-xogħol ta' żebgħa jsir minn R Refalo.

6.3 Ilment 36/2016 – il-Viċi Sindku
Biex jinżebgħu l-fanali ta' Triq il-Knisja. Approvata li jinżebgħu mill-ħaddiema tal-Kunsill.
6.3.1 Irrapporta li l-parti ta' fuq ta' Triq taċ-Ċaqra qed tisfronda. Issir *site visit* mill-Perit.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

7.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 16/2016 – DOK A għall-perijodu bejn it-23 ta' Lulju 2016 u t-23 ta' Awwissu 2016 li tammonta għal €21,797.49 kienet approvata u ffirmata.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU TAT-TLETT XHUR JANNAR - MARZU 2016

8.1 Ir-Rapport finanzjarju tat-tliet xhur Jannar – Marzu 2016 ittieħed bħala moqri mill-Kunsill peress li kien intbagħat minn qabel.
Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju kif preżentat u ġie ffirmat.

## 9. FESTA SANTA MARIJA 2016

9.1 Is-Sindku beda biex irringrazzja:
- lil dawk li ġew iżuruna minn irħula oħra;

- lill-ħaddiema tal-Kunsill għas-servizz tajjeb ta' tindif;
- lill-Korp tal-Pulizija u l-gwardjani lokali li kontinwament ikkoperaw;
- koperazzjoni sħiħa għall-festa ta' Fr Joseph Attard;
- lill-Arċipriet u l-Għaqdiet tal-lokalita`.

9.2 Is-Sindku qal kellna festa ferrieħa pero ` fl-istess ħin kienet festa iebsa. Qal hu personalment ilu involut fil-festa disa' snin u l-festa kif inhi llum ma nbnietx mix-xejn, ħafna snin ta' xogħol.

9.3 Is-Sindku qal iċċelebrajna festa sabiħa pero` bi qlub imweġġa'. Qal saret ħsara saħansitra anke minn fuq din il-mejda. Huwa qal l-Għaqdiet iridu s-serjeta`. Qal l-għaqda trid tibda minn fuq din il-mejda.

9.4 Is-Sindku għalaq biex qal din is-sena kulħadd jaf kif marret il-festa.

9.5 Il-Viċi Sindku qal fejn kien possibbli tajna l-appoġġ tagħna lil kulħadd.

9.6 Il-Kunsillier C Cassar qal jaqbel ma' li qal is-Sindku. Qal hemm bżonn nikkoperaw ħafna aktar mal-Arċipriet u l-Għaqdiet.

9.7 Il-Kunsillier C Saliba qal jissimpatizza ma' dak li ntqal fuq din il-mejda. Qal ejja nħarsu l-quddiem u lejn it-tajjeb li hawn. Żied jgħid li hawn ħafna affarijiet pożittivi.

## 10. AFFARIJIET OHRA

10.1 Is-Sindku ressaq dawn il-proposti:

10.1.2 jinqala' l-arblu tal-bandiera tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitpoġġa fi Triq Fra Baskal.

10.1.3 maġenb Ħal Sagħtrija, titpoġġa *hanger* biex magħha jdendlu l-boroż tal-iskart. Il-Kunsill qabel li jordna lil Paul Caruana jagħmel sitt *hangers*.

10.1.4 dwar il-manifestazzjoni tal-melħ f' Cervia, is-Sindku qal il-Kunsillier Saliba mhux ser ikun jista' jattendi għal din il-manifestazzjoni peress li ser ikun rikoverat l-isptar. Qal ser jattendi għal din il-manifestazzjoni l-President tar-Reġjun ta' Għawdex. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibgħat daqs sitt kilos melħ għal din il-manifestazzjoni. Il-Kunsill qabel.

10.1.5 passaġġ fil-limiti ta' Għajn Mhelhel fejn għandu l-egħlieqi Żakkarija Camilleri – rapport tal-Perit għas-seduta li jmiss tal-Kunsill.

10.1.6 dwar ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni Offerta tat-Tarmak, is-Sindku ppropona li terġa' toħroġ mill-ġdid l-offerta peress li dan ir-rapport baqa' ma ntbagħatx.

Il-Kunsill unanimament qabel li jagħti żmien ħmistax-il ġurnata biex jinħareġ dan ir-rapport u fin-nuqqas il-Kunsill jikkunsidra l-Bord bħala xolt u ma jsirux pagamenti lill-membri tal-Bord.

10.2 Il-Viċi Sindku ressaq dawn il-proposti:

10.2.1 jingħata rikonoxximent lil Mirabelle Sultana li ħadet sehem fil-konkors Ms Univers. Il-Kunsill qabel li jagħti rikonoxximent lil Sultana fiċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ.

10.2.2 għall-aħħar lezzjoni tal-pittura, ikun provdut servizz ta' *mini bus* għall-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kunsill approva.

10.2.3 ħitan ta' lqugħ se jaqgħu fi Triq is-Sagħtrija. Is-Segretarja Eżekuttiva spjegat il-proċedura fir-rigward tal-bini ta' ħitan.

10.2.4 jitwaħħlu t-tabelli u tiddawwal b' sistema ta' panelli l-*pedestrian crossing* ta' Pjazza l-Assunta. Intqal li l-*pedestrian crossing* qegħda quddiem garaxx. Il-Viċi Sindku qal jekk hemm bżonn titla' aktar il-fuq lejn il-pjazza. Titħalla għal seduta oħra.

10.2.5 titwaħħal tabella biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb faċċata tal-latrina pubblika fi Triq Ta' Ċikku. Proposta approvata.

10.3 Il-Kunsillier C Saliba ressaq dawn il-proposti:

10.3.1 *reminder* lill-Perit dwar it-tisqif ta' gandott fi Triq il-Knisja.

10.3.2 isir *railing* adegwat fil-passaġġ.

10.3.3 jinxtraw żewġ *badges* oħra tad-deheb biex il-Kunsillieri u l-membri kollha jkollhom *badge* tad-deheb. Il-Kunsill approva.

10.3.4 jitwaħħal sinjal juri xelter tal-gwerra fil-bidu ta' Triq il-Knisja. Nitolbu kwotazzjoni lil A Zarb.

10.3.5 *reminder* dwar it-tismija ta' triq għal Kristina Galea.

10.3.6 ikun provdut trasport għar-riċeviment mogħti mill-President ta' Malta. Il-Kunsill approva.

10.3.7 Il-Kunsillier C Saliba qal li t-Tnejn 5 ta' Settembru 2016 se jidħol l-isptar biex l-Erbgħa ssirlu operazzjoni. Saliba rringrazzja lill-Kunsill għas-simpatija murija.

## 11. AĠĠORNAMENT

**11.1** Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Iffirmata

***Nicky Saliba***
*Sindku*
Data: ***27 ta' Settembru 2016***

Iffirmata

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*